**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Yvonne u Emanuel Said

Vs

Inspirations Ltd./The Atrium

CCT 36/20/MM

Illum, 15 ta' Marzu 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat nhar il-25 ta' Frar 2020 fejn talbet is-somma ta' tliet mija u ħamsa u tmenin Ewro (€ 385), rappreżentanti prezz ta' *infrared heater* u spejjeż ta' bdil ta' madum riżultat ta' ħsara mġarrba bl-installazzjoni tal-istess *infrared heater*.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata Inspirations Ltd. datata 8 ta' Frar 2021 fejn stqarret illi l-prodott in kwistjoni ma kienx diffettuż, illi skont il-linji gwida maħruġa mill-kumpannija huma aċċettaw lura l-prodott u ħarġu *cheque* datat 30 ta' Diċembru 2019 fejn irrifondew l-valur tal-oġġett, illi l-kontestazzjoni kienet fir-rigward tal-valur tad-danni pretiżi mir-rikorrenti għall-valur tal-madum ammontanti għal mija u tletin Ewro (€ 130).

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrenti kienu xtraw *heater* mingħand l-intimati u dan versu l-prezz ta' mitejn u ħamsa u ħamsin Ewro (€ 255). Fix-xhieda tagħhom ir-rikorrenti jisħqu li din il-*heater* ma kienetx qegħda taqdi l-funzjoni tagħha b'dan illi huma xtaqu jirritornawha lura, kif effettivament għamlu. Illi għalhekk, dak li qegħdin jitolbu r-rikorrenti jirrigwarda l-ħsarat li ġarrab il-madum meta r-rikorrenti kellhom itaqqbuh sabiex jinstallaw din il-*heater*.

Illi mix-xhieda jirriżulta li din il-*heater* ma kienetx difettuża iżda biss ma laqtitix il-gosti tar-rikorrenti f'dak li jirrigwarda l-'performance' tagħha.

Lanqas ma hemm kontestazzjoni fir-rigward tar-rifużjoni tal-*heater* u dan minħabba li s-soċjeta' konvenuta ddikjarat li tali rifużjoni ġiet aċċettata u ġie maħruġ ukoll pagament favur ir-rikorrenti.

Illi tajjeb li għalhekk tiġi indirizzata l-kwistjoni jekk ir-rikorrenti humiex intitolati għal danni (u ċioe dawk tat-titqib fil-madum) riżultanti mill-installazzjoni ta' dan il-*heater* mal-ħajt.

Illi tajjeb li jiġi enfasizzat illi fl-ebda ħin ma ġie ppruvat li din il-*heater* kienet difettuża. Wisq anqas it-tentattiv min-naħa tar-rikorrenti li jippruvaw *heater* oħra simili sabiex jiġi stabbilit o meno jekk din effettivament kelliex xi difett jew altrimenti dak li qed issostni s-socjeta konvenuta u ċioe li r-rikorrenti ma kienu fehmu xejn dwar in-natura u t-teknoloġija ta' din il-*heater* (li taħdem bl-*infrared*) a kuntrarju tal-metodi konvenzjoni sabiex wieħed isaħħan.

Illi jinkombi fuq il-konsumatur li ma jixtrix bl-għama u wisq inqas jinstalla bl-għama prodott partikolari qabel dan ma jkun għamel ir-riċerka meħtieġa u jserraħ moħħu li dak il-prodott u dak li verament jeħtieġ.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti ma jistgħux jistrieħu biss fuq il-protezzjoni tal-Liġi bil-għama iżda huwa mistenni minnhom li qabel ma jixtru, speċjalment meta huma stess jammettu li għalihom kienet xi ħaġa kważi impossibbli li jeżisti prodott li jsaħħan bla ma jaħli, jagħmlu l-verifiki neċessarji ta' dak li jkun ser jakkwistaw, dan iktar u iktar meta l-*heater* in kwistjoni ma fihx difetti.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti b'dan illi jekk għal xi raġuni il-pagament maħruġ a favur ir-rikorrenti datat 30 ta' Diċembru 2019 permezz ta' *cheque* mis-soċjeta' konvenuta ma ġiex imsarraf, dan għandu jinħareġ għal darba waħda biss fi żmien xahar minn din id-deċiżjoni.

Bl-ispejjeż konta r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru